**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
29 SEP 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Appell minn Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' maħruġ mill-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi

Numru tal-Każ: IF0616/20-F
Riferenza: OWK 0032/20

Emanuel Bonavia

*vs*

L-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi

**Rikors tal-Appell ta' Emanuel Bonavia (K.I. 17663M)**

Jesponi bir-rispett,

Illi l-esponenti jippossjedi sit fi Sqaq il-Mudurbu, l-Imqabba;

Illi fl-14 ta' Settembru 2021 l-esponenti ġie notifikat permezz ta' *email* (Dok. "A") li b'deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' intimata l-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' OWK 0032/20 (Dok. "B" li jinkludi wkoll is-*site plan* maħruġa mal-istess ordni), huwa attiv u bdew jiddekorru multi mill-11 ta' Awwissu 2021. L-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' OWK 0032/20 nħareġ fit-23 ta' Novembru 2020 fejn qed jiġi allegat li l-esponenti kiser ir-regolament ambjentali konsistenti fi dhul ta' skart inert minn barra s-sit, għal skop ta' immaniġjar u riċiklaġġ ta' l-istess skart (inkluż għall-skopijiet ta' crushing) mingħajr il-permess meħtieġ mill-liġi skond ir-regolamenti 12(5) u 19(1) tar-Regolamenti dwar l-Iskart (L.S. 549.63);

Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat minn din id-deċiżjoni u għaldaqstant qed jinterponi dan l-umli appell ai termini tal-Kap. 551 u L.S. 549.63 għas-segwenti raġunijiet:-

1. Illi fl-2010 l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) ħarġet fil-konfront tal-esponenti l-Ordni ta' Nfurzar EC/00491/10 fir-rigward tas-sit mertu ta' dan l-appell stante li kien irriżulta ksur konsistenti f' "*Deposit of inert material, installation of crushing plant, construction of rooms, boundary wall and fixing of gate and stock piling of gravel/torba without permit*" (Dok. "C");

2. Illi sussegwentement għal dan l-ordni, l-esponenti ħa ħsieb sabiex jirregolarizza ruħu u jneħħi l-illegalitajiet. Għal dan il-għan ġiet sottomessa l-applikazzjoni PA5445/10. F'din l-applikazzjoni ġew sottomessi r-ritratti annessi (Dok. "D") fejn jidher il-volum tal-materjal inert preżenti fl-2010;

3. Illi sabiex jikkonforma ruħu mal-EC/00491/10, l-esponenti ħa ħsieb li tul is-snin inaqqas il-materjal inert. Sabiex tali materjal jinħareġ mis-sit jeħtieġ li jintuża *crusher* li jinsab *on-site*;

4. Illi l-esponenti baqa jneħħi l-materjali sakemm ħareġ l-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' OWK 0032/20 fit-23 ta' Novembru 2020;

5. Illi tlett ijiem wara l-ħruġ tal-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' OWK 0032/20 sar *on-site meeting* fejn attendew l-esponenti, l-Perit Ian Cutajar i Vivienne Zammit, *senior compliance officer* tal-intimata. Waqt din il-laqgħa ġie spjegat li l-esponenti kien qiegħed biss isegwi l-Ordni ta' Nfurzar EC/00491/10 maħruġ mill-MEPA. Huwa għamel użu mill-crusher u beda jinħareġ il-materjal. L-esponenti issottometta wkoll ir-ritratti li ttieħdu fl-2010 fejn kien evidenti li l-volum tal-materjal tnaqqas tul is-snin. Tali ritratti kienu ngħaddew lil Vivienne Zammit permezz ta' *email* datata 26 ta' Novembru 2020 (Dok. "E");

6. Illi ta' min jirrileva li f'Marzu 2020 l-esponenti kien diġa ssottometta l-applikazzjoni PA2511/20 "To sanction the deposit and stockpiling of inert material within the site, the existing rooms, boundary wall and fixing of access gate. Proposed utilization of a disused quarry for the recycling and storage of inert material, erection of lightweight canopy for dust mitigation and installation of crusher";

7. Illi wara din il-laqgħa, l-awtorita' intimata issospendiet l-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' OWK 0032/20 proprju għaliex l-esponenti kien qiegħed isegwi l-Ordni ta' Nfurzar EC/00491/10 u l-materjal inert kien qiegħed jinħareġ u mhux jiddaħħal fis-sit;

Għaldaqstant in vista tas-suespost filwaqt li l-esponenti jirriserva li jipproduċi provi, jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' OWK 0032/20 maħruġ mill-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi kif ukoll jirrevoka kwalunkwe multa li setgħa kien hemm in sewgitu għal dan l-Ordni sad-data tas-sentenza u dan taħt dawk il-proveddimenti li jidirlhu xierqa u opportuni.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*
*E: jbonello@8pointlaw.com*

Avv. Marycien Vassallo
*mvassallo@8pointlaw.com*

Esponenti: "St. Joseph", Triq id-Difiża Ċivili,

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

Appell minn Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' maħruġ mill-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi

Numru tal-Każ: IF0616/20-F
Riferenza: OWK 0032/20

Emanuel Bonavia

*vs*

L-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi

**Elenku tax-xhieda**

L-esponenti sabiex jixhed dwar il-fatti tal-każ;

Qraba, familjari, ġirien u ħaddiema tal-esponenti sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-każ;

Il-Perit Ian Cutajar u periti oħra fl-uffiċċju tiegħu li kienu nvoluti fil-każ sabiex jixhdu dwar il-fatti magħrufa minnhom;

Uffiċjali tal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi responsabbli mill-File IF0616/20-F u l-Ordni ta' Waqfien u ta' Konformita' inkluż Vivienne Zammit sabiex jixhdu dwar il-fatti magħrufa minnhom;

Rappreżentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jixhed dwar l-Ordni ta' Nfurzar EC/00491/10 u l-applikazzjoni PA2511/20 inkluż Reuben Gauci, enforcement officer u David Cutajar, assistant professional mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*
*E: jbonello@8pointlaw.com*

Avv. Marycien Vassallo
*mvassallo@8pointlaw.com*